MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## VERONICA GALEA DEBONO

Seduta ta' l-24 ta' Frar, 2012

Talba Numru. 13/2006

B.S. Construction Limited (C-27590).

Vs

Tommy Gravina.

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta' attrici qed titlob il-hlas tas-somma ta' elf, mitejn u tmienja u erbghin lira Maltin u hamsin centezmu (Lm1248.50) minghand il-konvenut, rapprezentanti danni subiti mis-socjeta' attrici b'konsegwenza ta' (a) xoghol li sar mill-konvenut u li ma kienx skond is-sengha w l-arti; (b) xoghol traskurat; (c) xoghol li naqas milli jaghmel (d) nuqqas ta' tindif li obbliga ruhu li jaghmel; u (e) prezz ta' materjal u xoghol u dan fost danni ohra kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-

kawza. Illi x-xoghol kien inghata lil konvenut b'appalt u kellu jigi esegwit fil-blokk 20-24 Triq il-Capuccini, Floriana.

Ra r-risposta tal-konvenut li ecepixxa illi l-pretensjonijiet tas-socjeta' attrici fil-konfront tal-konvenut huma nfondati fil-fatt u fid-dritt, stante li x-xoghol ezegwit mill-konvenut huwa skond l-arti u s-sengha, u ma jezistu ebda danni. Illi minghajr pregudizzju ghal premess, jigi sottomess li fl-eventwalita' li jintlaqghu t-talbiet tas-socjeta' attrici, mill-ammont dovut ghandha titnaqqas somma dovuta mis-socjeta' attrici lill-konvenut, rapprezentanti xogholijiet ezegwiti mill-konvenut fuq inkarigu tas-socjeta' attrici. F'dan ir-rigward il-konvenut qieghed jipprezenta kontro talba. Bl-ispejjes kontra s-socjeta' attrici.

Ra l-kontro talba tal-konvenut rikonvenzjonant fejn talab illi s-socjeta' attrici thallsu s-somma ta' tmien mitt lira Maltin (Lm800) rapprezentanti r-rimanenti bilanc dovut lilu ghal xogholijiet ta' kisi, xogholijiet ohrajn ancillari, u xogholijiet fuq kmamar tal-banju, fuq inkarigu ta' l-istess socjeta' rikonvenzjonata. Bl-ispejjes u bl-imghaxijiet legali kontra s-socjeta' attrici rikonvenzjonata.

Ra r-risposta tas-socjeta' rikonvenzjonata ghal-kontro talba tal-konvenut rikonvenzjonant li eccepiet illi l-ebda ammont m'hu dovut stante li x-xoghol ezegwit ma kienx skond is-sengha w l-arti u gew kawzati diversi hsarat li huma l-mertu tal-kawza principali. Illi din l-eccezzjoni qeghda tinghata b'riserva ghal kull azzjoni ohra spettanti lis-socjeta' attrici sabiex tirkupra spejjes u danni ohra li ghad tista' ssofri stante li rrizultaw hsarat ohra wara l-intavolar ta' din l-azzjoni.

Ra l-affidavit ta' Anthony Bonanno prodott mis-socjeta' attrici.

Sema' x-xhieda ta' l-avukat Dr. Joseph Sammut prodott mis-socjeta' attrici.

Sema' x-xhieda tal-Perit Robert Fenech prodott mis-socjeta' attrici.

Sema' x-xhieda tal-konvenut Tommy Gravina.

Sema' x-xhieda ta' Anthony Bonanno in kontro ezami.

Sema' x-xhieda tal-Perit Robert Fenech in kontro ezami.

Sema' x-xhieda tal-konvenut in kontro ezami.

Ra n-nota ta' sottomissjonijiet tal-konvenut.

Ra n-nota ta' sottomissjonijiet tas-socjeta' attrici.

Ra d-dokumenti kollha li gew esebiti.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

**Ikkunsidra.**

Illi fil-qosor il-fatti tal-kaz huwa s-segwenti. Is-socjeta' attrici kienet hadet 'tender' minghand il-Gvern sabiex tikkostruwixxi u taghmel il-finishings f'zewg garaxxijiet u tmien appartamenti gewwa l-Furjana. Sabiex ezegwiet dan it-tender, is-socjeta' attrici qabdet diversi nies bhala sub-contractors sabiex jaghmlu diversi xogholijiet. Fosthom kien tqabbad il-konvenut sabiex jaghmel xoghol ta' tikhil u tibjid, u wara anki sabiex jaghmel ix-xoghol ta' tqeghid tal-madum fil-kmamar tal-banju ta' erba mit-tmien appartamenti.

Gara li meta gew sabiex jiccertifikaw ix-xoghol minn-naha tad-Dipartiment tal-Housing, kien hemm hafna ilmenti dwar l-istess xoghol li sar, u fosthom dwar ix-xoghol li sar mill-konvenut. Il-konvenut gie mitlub sabiex jaghmel certu xoghol rimedjali u xi xoghol iehor mill-gdid, izda dan irrifjuta li jaghmel hekk u allura l-appalt gie terminat u nhareg tender gdid sabiex isiru x-xogholijiet rimedjali.

Illi l-ispiza ghal dawn ix-xogholijiet rimedjali li kellhom x'jaqsmu mal-konvenut kienet dik ta' elf, mitejn u tmienja u erbghin lira Maltin u hamsin centezmu (Lm1248.50) u dan

l-ammont fil-fatt gie mnaqqas minn dak dovut lis-socjeta' attrici fuq it-tender originali.

Illi ghalhekk is-socjeta' attrici qed titlob minghand il-konvenut, il-hlas ta' dan l-ammont (Lm1248.50) li gie mnaqqas lilha mid-Dipartiment, u dana peress illi skond l-istess socjeta', dan l-ammont partikolari gie mnaqqas minhabba xoghol hazin li sar mill-konvenut. Skond l-istess socjeta' attrici, l-ammont li qed jitlob il-konvenut fil-kontro talba tieghu, u cioe l-ammont ta' tmien mitt lira Maltin (Lm800) mhuwiex dovut, u dan ghaliex jirreferi ghall-prezz ta' xogholijiet li saru mill-konvenut u li d-Dipartiment tal-Housing stess kien iccertifika bhala xoghol li ma sarx skond is-sengha w l-arti. Gie spjegat illi tax-xoghol kollu li ghamel sew, u li gie certifikat mill-Housing Department, il-konvenut fil-fatt kien thallas.

Illi l-konvenut spjega li huwa ghamel ix-xoghol kollu li kien tqabbad jaghmel mis-socjeta' attrici izda din ta' l-ahhar qabditu jaghmel xoghol zejjed li ma kienx skond il-ftehim li kellhom. Hu xehed li hadd qatt ma lmenta dwar ix-xoghol tieghu waqt li dan kien qieghed isir, u kien biss meta gie biex jithallas li ssemmew xi ilmenti. Huwa xehed ukoll li r-rapprezentant tas-socjeta' attrici u cioe Anthony Bonanno, qallu li sabiex jithallas l-ewwel ix-xoghol kellu jigi approvat u mbaghad meta tithallas is-socjeta' attrici seta' jithallas hu. Skond hu hadd qatt ma qallu li kellu jaghmel xi xoghol rimedjali.

Illi x-xhud Perit Robert Fenech, li kien il-persuna inkarigat mid-Dipartiment tal-Housing sabiex jissorvelja u jiccertifika x-xogholijiet in kwistjoni, kkonferma li hafna mix-xoghol li sar ma kienx sar skond is-sengha w l-arti u ma kienx 'up to standard', u peress illi l-kuntrattur ma kienx ezegwixxa x-xogholijiet rimedjali, kellu jinhareg tender iehor sabiex dawn ix-xogholijiet rimedjali u x-xogholijiet difettuzi jergghu isiru minn terzi. Huwa kkonferma illi l-ispejjes ta' dan it-tender il-gdid u tax-xoghol difettuz tnaqqas mill-ammont li kellu jithallas lis-socjeta' attrici. Fil-fatt l-ammont globali li tnaqqas minn dak dovut lis-socjeta' attrici ghad-difetti kollha li nstabu fil-progett effettivament kien dak ta' Lm1925.75.

Il-Perit xehed illi huwa kien gibed l-attenzjoni tal-konvenut ghal certu diffetti li kien jara waqt li l-konvenut kien qieghed jahdem. Kien ukoll jigbed l-attenzjoni tas-socjeta' attrici (bhala kuntrattur) ghad-difetti li kien qieghed jara waqt li x-xoghol kien ikun ghaddej.

Illi wara li ha konjizzjoni tal-provi kollha prodotti u tax-xhieda moghtija mill-partijiet, dan it-Tribunal ghandu s-segwenti osservazzjonijiet x'jaghmel. Fl-ewwel lok, ma hemmx dubbju li certu xoghol ma kienx sar skond is-sengha w l-arti u ma kienx 'up to standard.' Dan gie konfermat mill-Perit tal-Housing Department. Huwa fatt li ghalhekk certu ammonti kellhom bilfors jitnaqqsu mill-ammont li fl-ahharnett kien dovut lis-socjeta' attrici bhala kuntrattur tax-xogholijiet kollha. Fil-fatt l-ammont globali li gie mnaqqas minn dak l-ammont dovut lis-socjeta' attrici kien dak ta' Lm1925.75. Dan l-ammont ovvjament ma jkoprix biss dawk ix-xogholijiet li saru hazin mill-konvenut izda jinkludi diversi xogholijiet ohra li l-konvenut ma kellux x'jaqsam maghhom. Fil-fatt is-socjeta' attrici qed tippretendi biss l-ammont ta' Lm1248.50 minghand il-konvenut ghaliex skond hi, l-konvenut kien responsabbli ghal dawk ix-xogholijiet hziena li kienu jammontaw ghal dan l-ammont.

Illi permezz tal-kontro talba tieghu l-konvenut qed jitlob il-hlas ta' Lm800 minghand is-socjeta' attrici ghax-xoghol li ghamel u li ghadu ma thallasx tieghu. Illi skond is-socjeta' attrici dan l-ammont ma thallasx lilu peress illi skond kif xehed izjed minn darba Anthony Bonanno, s-socjeta' attrici kienet zammet lura l-ammont dovut lill-konvenut ghax-xogholijiet li saru hazin minnu. L-istess xhud ikkonferma li ghax-xoghol li ghamel tajjeb il-konvenut kien thallas.

Illi t-Tribunal jidhirlu li gie oltre milli ppruvat li l-konvenut ma kienx hadem certu xoghol skond is-sengha w l-arti, u li ghalhekk ma jistax jippretendi li jithallas ta' dan ix-xoghol. Ghalhekk huwa ghal kollox accettabbli li s-socjeta' attrici ma hallsitx lill-konvenut din is-somma, u l-konvenut ma jistax jippretendi li jithallas ta' xoghol traskurat u hazin li

sar minnu. B’hekk il-kontro talba tal-konvenut zgur li ghandha tigi michuda.

Illi pero dan ifisser li meta s-socjeta’ attrici zammet lura l-hlas tas-somma ta’ Lm800 minn dak dovut lill-konvenut, u meta halsitu ghall-qbija tax-xoghol li ghamel, hija kienet diga kkwantifikat l-ammont li kellu jigi mnaqqas minn dak dovut lill-konvenut ghax-xoghol li kien sar hazin, u allura huwa inkoncepibbli kif issa permezz tal-kawza odjerna tista’ tippretendi li l-konvenut jhallas izjed.

Illi di piu, id-dokument li jinsab a fol 2 sa 6 tal-process, u li suppost jirrigwarda biss ix-xogholijiet li saru hazin mill-konvenut, u li jammontaw ghal Lm1248.50, jinkludi xogholijiet li zgur ma setghux saru mill-konvenut ghaliex jikkoncernaw xoghol li sar fil-kmamar tal-banju ta’ tmien flats, meta hareg car li l-konvenut hadem biss f’erba flats, u ghalhekk qatt ma jista’ jkun responsabbli ghall-erba flats l-ohra.

Illi hemm ukoll il-kwistjoni li kamra tal-banju minnhom kellha xi problemi peress li l-madum ma kienx jaqbel u dan il-madum kien gie supplit mis-socjeta’ attrici stess. Jekk allura l-madum kellu jinbidel minhabba f’hekk, dan zgur li mhuwiex tort tal-konvenut izda tas-socjeta’ attrici, u ta’ dan ghandha tbaghti d-danni hi stess.

Illi ghalhekk is-socjeta’ attrici li diga kienet naqset Lm800 minn dak li kellha thallas lill-konvenut ma tistax titlob minghandu l-kumplament ta’ Lm448.50 ghaliex dawn jikkoncernaw xogholijiet li huwa ma kellux x’jaqsam maghhom, jew affarijiet li kienu responsabbilta’ tas-socjeta’ attrici u mhux tal-konvenut.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta u jiddeciedi billi jichad it-talba attrici fl-intier taghha, u jichad ukoll il-kontro talba tal-konvenut fl-intier taghha. Fic-cirkostanzi l-ispejjes kollha tal-kawza ghandhom jinqassmu ugwalment bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------